

Brussell, 15 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6477/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0036(NLE)**

---

**COEST 45**  
**ENER 82**

**PROPOSTA**

---

|                   |  |
|-------------------|--|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur  |
| data meta waslet: | 11 ta' Frar 2019   |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2019) 74 final   |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna li jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 74 final.

Mehmuż: COM(2019) 74 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.2.2019  
COM(2019) 74 final

2019/0036 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna li jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni dwar l-emenda tal-Anness XXVII (Kooperazzjoni tal-Enerġija inklużi kwistjonijiet nukleari) mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna**

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u l-Ukrajna, fuq in-naħa l-oħra (“il-Ftehim”) għandu l-għan li jikkontribwixxi qafas għall-kisba gradwali tal-assoċjazzjoni politika u tal-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Ukrajna. Huwa jipprovdi impenji għal setturi ta' riforma tal-ekonomija tal-Ukrajna f'konformità mal-acquis tal-UE, inkluż l-oġettivi li tiżdied l-integrazzjoni tas-suq u l-approssimazzjoni regolatorja lejn elementi ewlenin tal-acquis tal-UE fis-settur tal-enerġija, skont l-acquis tal-UE dwar l-enerġija. L-impenji tas-settur tal-enerġija huma elenkati fil-Kapitolu 1 (Kooperazzjoni tal-Enerġija inklużi kwistjonijiet nukleari) tat-Titolu V (Kooperazzjoni ekonomika u settorjali) tal-Ftehim. Xi wħud minn dawn l-impenji, bħar-regoli tat-tranżitu u tat-trasport, li jappartjenu għal aspetti relatati mal-kummerċ tas-settur tal-enerġija, huma msemmija wkoll fil-Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-kummerċ) tat-Titolu IV (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.

#### **2.2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna huwa wieħed mill-korpi konġunti stabbiliti permezz tal-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 461 tal-Ftehim, huwa jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jirrevedi perġodikament il-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġettivi tiegħu. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiltaqa' fuq livell ministerjali fil-konfigurazzjonijiet kollha meħtieġa, li jikkonsistu minn membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, membri tal-Kummissjoni Ewropea u membri tal-Gvern tal-Ukrajna, f'intervalli regolari, mill-inqas darba fis-sena u fejn ikunu jeħtieġu ċ-ċirkostanzi. Għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fl-ambitu tal-Ftehim, li huma vinkolanti fuq il-Partijiet għall-Ftehim, inklużi deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-aġġornament jew l-emenda tal-Annessi tal-Ftehim. Jista' wkoll jadotta rakkomandazzjonijiet. Tali deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet jiġu adottati bi ftehim bejn il-Partijiet, wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi.

#### **2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna għandu jadotta Deċiżjoni dwar l-emenda tal-Anness XXVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (“l-att previst”).

L-għan tal-att previst huwa li tiġi aġġornata l-lista ta' atti tal-UE previsti fl-Anness XXVII (Kooperazzjoni tal-Enerġija li tinkludi kwistjonijiet nukleari) biex tiġi riflessa l-evoluzzjoni sostanzjali tal-acquis tal-UE dwar l-enerġija li sar fl-UE mit-tlestija tan-negożjati dwar il-Ftehim.

L-Att previst għandu l-għan ukoll li jstabbilixxi dispożizzjonijiet addizzjonali fl-Anness XXVII għall-Ftehim dwar il-monitoraġġ tal-proċess ta' approssimazzjoni tas-settur tal-enerġija fl-Ukrajna. Dawn għandhom l-għan li jsaħħu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-aspetti legali tar-riforma tas-settur tal-enerġija u li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni adegwata u effettiva tal-atti domestiċi bbażati fuq l-acquis tal-enerġija tal-UE fl-Ukrajna.

L-att previst għandu jsir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 463 tal-Ftehim, li jipprevedi: "Biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, fil-każijiet previsti fih. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, li għandhom jieħdu l-passi xierqa, inkluż jekk hemm bżonn azzjoni f'korpi speċifiċi stabbiliti skont dan il-Ftehim, biex jimplementaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet. Huwa għandu jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi qbil bejn il-Partijiet, wara li jiġu ffinalizzati l-proċeduri interni rispettivi."

### **3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI**

L-Att previst jikkonsisti f'aġġornament tal-lista tal-acquis tal-UE prevista fl-Anness XXVII tal-Ftehim, li għalih l-Ukrajna impenjat ruħha li tapprossima l-leġiżlazzjoni interna tagħha u sett addizzjonali ta' regoli li għandhom l-għan li jappoġġaw il-proċess ta' approssimazzjoni mill-Ukrajna tal-acquis tal-enerġija tal-UE fil-leġiżlazzjoni domestika tagħha.

Fir-rigward tal-lista tal-acquis tal-UE, l-Anness jeħtieġ aġġornament biex jirrifletti l-evoluzzjoni sostanzjali tal-acquis tal-UE dwar l-enerġija li sar fl-UE mit-tlestija tan-negożjati dwar il-Ftehim. B'riżultat ta' dan, diversi atti tal-UE elenkati fl-Anness oriġinali għall-Ftehim ma għadhomx fis-seħħ, tħassru jew ġew emendati, filwaqt li oħrajn ġodda ġew adottati mill-Unjoni Ewropea. Dawn il-bidliet jeħtieġu aġġornament tal-Anness XXVII tal-Ftehim biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-isforzi ta' approssimazzjoni tal-Ukrajna mal-istatus attwali tal-acquis tal-UE. Konsegwentement, dawn l-impenji tal-Ukrajna biex tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha fis-settur tal-enerġija mal-acquis tal-UE dwar l-enerġija ma jbidlux ir-regoli tal-UE stess jew il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-obbligi tas-settur tal-enerġija proprju tal-Ukrajna espandew, kemm bħala riżultat tas-sħubija tagħha fil-Komunità tal-Enerġija mill-2011 'l hawn kif ukoll minħabba l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE elenkat fl-Anness XXVII għall-Ftehim. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni fis-settur tal-enerġija bejn l-UE u l-Ukrajna kompliet tissaħħa fl-2016 permezz tal-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u l-Ukrajna dwar Sħubija Strateġika tal-Enerġija. Il-Memorandum jappoġġa l-impenn biex tinkiseb integrazzjoni ekonomika u assoċjazzjoni politika u jstabbilixxi bħala l-oġettiv tiegħu l-kisba tal-integrazzjoni sħiħa tas-swieq tal-enerġija, abbażi tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE. Mill-evoluzzjoni msemmija hawn fuq joħroġ ir-rekwiżit tal-aġġornament tal-lista tal-acquis tal-UE fl-Anness XXVII tal-Ftehim.

Barra minn hekk, l-att previst jstabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet addizzjonali fl-Anness XXVII tal-Ftehim dwar il-monitoraġġ tal-proċess ta' approssimazzjoni tas-settur tal-enerġija fl-Ukrajna, inklużi regoli dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-enerġija tal-UE, konsultazzjonijiet dwar abbozzi ta' proposti leġiżlattivi f'dak is-settur u rappurtar lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Dawn għandhom l-għan li jsaħħu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-aspetti legali tar-riforma tas-settur tal-enerġija u li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni adegwata u effettiva tal-atti domestiċi bbażati fuq l-acquis tal-enerġija tal-UE fl-Ukrajna. L-esperjenza ta' dawn l-aħħar erba' snin tindika l-progress li għamlet l-Ukrajna fuq diversi aspetti tar-riforma tas-settur tal-enerġija, iżda tindika wkoll il-ħtieġa li jiġu pprovduti aktar miżuri ta' appoġġ biex jiġi żgurat li r-riformi mwettqa jkollhom karattru irriversibbli u dejjiem. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet addizzjonali huma maħsuba biex jikkontribwixxu għal

approssimazzjoni u implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni approssimata mill-Ukrajna, abbażi tal-acquis tal-UE dwar l-enerġija.

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-politika tal-UE dwar is-Sħubija tal-Lvant b'mod ġenerali, u b'mod partikolari lejn l-Ukrajna, peress li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tagħha. Hija konsistenti wkoll mal-politika tal-enerġija tal-UE, ibbażata fuq il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluża s-sigurtà tagħha tad-dimensjoni tal-provvista tal-enerġija u r-rwol tal-Ukrajna bħala pajjiż ta' tranżitu strateġiku għall-gass. Dan jirrifletti l-acquis tal-enerġija tal-UE u jippromwovi l-adozzjoni tagħha mis-sħab assoċjati tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxi lejn is-sigurtà tal-UE tal-oġġettivi tal-provvista tal-enerġija. Fl-aħħar nett, din il-proposta hija konsistenti mal-politika esterna tal-enerġija tal-UE kollha kemm hi u lejn il-Komunità tal-Enerġija b'mod partikolari, filwaqt li tappoġġa lil dan tal-aħħar fil-kisba tal-oġġettiv ta' integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija fost il-pajjiżi membri tagħha, inkluża l-Ukrajna.

Fl-aħħar nett, il-proposta hija konsistenti mal-Politika tal-Viċinat tal-UE riveduta u l-kooperazzjoni relatata mal-Ukrajna u ma' pajjiżi ġirien oħra. B'mod partikolari hija tikkontribwixxi għall-kisba ta' riforma tas-settur tal-enerġija effettiva u sostenibbli fl-Ukrajna, bħala parti mill-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Ukrajna. Min-naħa tagħhom, dawn l-isforzi jikkontribwixxu għall-għan li jinbena viċinat stabbli u għani. Meta wieħed iqis li r-riforma tas-settur tal-enerġija, ibbażata fuq l-acquis tal-enerġija tal-UE, se tikkontribwixxi għal politika dwar il-klima aktar sostenibbli tal-Ukrajna, il-proposta tiżgura wkoll konsistenza mal-għanijiet tal-politika tal-UE dwar il-klima. Fl-aħħar nett, il-proposta tappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tal-kummerċ bilaterali fil-prodotti u s-servizzi tal-enerġija kif ukoll l-investment, peress li r-riforma tas-settur tal-enerġija għandha l-għan li tindirizza l-ostakli regulatorji eżistenti għall-kummerċ tal-enerġija.

Il-proposta prevista hija mistennija tipprovdi appoġġ addizzjonali għar-riforma tas-settur tal-enerġija fl-Ukrajna, li bħalissa tinsab fil-fażi ta' implimentazzjoni tagħha, biex tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji tas-settur tal-enerġija previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna.

## **4. BAŻI ĠURIDIKA**

### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

#### *4.1.1. Princġipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jistipula deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*<sup>1</sup>.

#### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna huwa korp imwaqqaf bi ftehim, speċifikament il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna.

---

<sup>1</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, Kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

L-att li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna huwa mitlub jadotta huwa att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b'konformità mal-Artikolu 463 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna. L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

## **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-settur tal-enerġija, inklużi kwistjonijiet nukleari. Għalhekk il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 194 tat-TFUE.

## **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 194 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## **5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Peress li l-att tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna se jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, huwa xieraq li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna li jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/1248<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 273 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jadattaw il-leġislazzjoni tagħhom, kif imsemmi fl-Anness XXVII għall-Ftehim, biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha għat-trasport tal-elettriku u tal-gass ikunu oġġettivi, raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji.
- (3) Barra minn hekk, bil-ħsieb li jsir progress lejn l-integrazzjoni tas-suq, l-Artikolu 337 tal-Ftehim jipprevedi li l-Partijiet ikomplu u jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet tal-enerġija, inkluż permezz tal-approssimazzjoni gradwali fis-settur tal-enerġija.
- (4) L-Artikolu 341 tal-Ftehim jistipula li l-approssimazzjoni gradwali fis-settur tal-enerġija għandha tipproċedi skont skeda kif stabbilit fl-Anness XXVII tal-Ftehim.
- (5) L-Artikolu 474 tal-Ftehim jipprevedi obbligu għall-Ukrajna li twettaq l-approssimazzjoni gradwali tal-leġislazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni, inkluż fis-settur tal-enerġija.
- (6) L-acquis tal-UE fis-settur tal-enerġija evolva b'mod sostanzjali minn meta ġie konkluż il-Ftehim.
- (7) Skont l-Artikoli 463 (1) u 463 (3) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna (“il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni”) jista' jadotta deċiżjonijiet bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, hija tista' taġġorna jew temenda l-Annessi għall-Ftehim, filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-liġi tal-UE u l-istandards applikabbli stabbiliti fi strumenti internazzjonali meqjusa rilevanti mill-Partijiet.

---

<sup>2</sup> ĠU L 181, it-12 ta' Lulju 2017, p. 4-5.

- (8) Għalhekk, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, biex jirrifletti l-evoluzzjoni tal-acquis tal-Unjoni.
- (9) L-Artikolu 475 tal-Ftehim jiddefinixxi f'termini ġenerali l-monitoraġġ tal-progress fl-approssimazzjoni tal-liġi tal-Ukrajna mal-liġi tal-UE, inklużi aspetti ta' implimentazzjoni u infurzar. Huwa jipprova li l-proċess ta' rappurtar u valutazzjoni se jqis il-modalitajiet speċifiċi definiti fil-Ftehim jew fid-deċiżjonijiet tal-korpi istituzzjonali stabbiliti skont dan il-Ftehim.
- (10) Biex tiġi żgurata implimentazzjoni aktar effettiva tar-riformi, jeħtieġ li jissaħħaħ il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għar-riforma tas-settur tal-enerġija.
- (11) Għalhekk, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jemenda l-Anness XXVII tal-Ftehim biex jipprova għal regoli aktar dettaljati għall-monitoraġġ tal-approssimazzjoni tal-liġi Ukrena mal-liġi tal-UE fis-settur tal-enerġija.
- (12) Għalhekk jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni biex jiġi emendat l-Anness XXVII tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*